MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2004

Rikors Numru. 557/1997/1

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1981/1989/1992 huwa sofra ingustizzja f'li gie maqbuz f'diversi promozzjonijiet.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej. Huwa kien gie impjegat mal-Forzi Armati fl-1950 jigifieri ghal dawn l-ahhar 44 sena. Huwa kien dahal fil-grad ta' Gunner wara li kien ghamel il-courses necessarji. Wara madwar 7 snin qabel ma mar il-Germanja kien sar Lance Bombardier. Huwa kien dam jahdem barra min Malta ghal madwar 5 snin. Ghal habta ta' l-1972/73 kienu daru mal-Gvern Malti u gew promossi ghal grad ta' Bombardier. Matul il-perjodu ta' l-impieg tieghu huwa kellu diversi esperjenzi f'Dipartimenti differenti fil-fatt ghamel madwar 7 snin fuq il-

patrol boat. Huwa kien ghamel course rigward kanuni u fil-fatt wara kien sar Instructor u kien jghallem kull grad min kadett sa surgent. Hargu tlett darbiet promozzjonijiet fl-1981/1989/1992 u huwa dejjem gie maqbuz kemm f'seniority kif ukoll f'kwalifiki. Dawn l-ingustizzji saru mieghu ghalkemm huwa dejjem gie rakkomandat mill OC tieghu Major Cassar. Barra min hekk ghalkemm huwa kien instructor tal-kanuni li suppost kienet Master qatt ma gie moghti t-Trade ta' instructor. Ghaldaqstant ikkonkluda li dawn kienu ingustizzji politici. (Dok A).

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata dak kollu li tilef, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:-

Illi r-rikors huwa inammissibbli fit-termini ta' l-Artikolu 6(2) billi l-ilment diga gie investigat mill-Kummissjoni dwar l-Investigazzjoni ta' Ingustizzji - CII Kaz Numru 3734.

Illi r-rikors promotur huwa inammessibbli fit-termini ta' l-Artikolu 5(3)(b) ta' l-Att VIII ta' l-1997 peress illi r-rikorrent naqas li jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-Artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati.

Illi fir-rigward tal-promozzjonijiet li saru fil-1981 ir-rikors promotur huwa inammessibli fit-termini ta’ l-Artikolu 5(4) ta’ l-Att VIII tal-1997 peress li l-att jew omissjoni allegat mir-rikorrent gara barra miz-zmien stipulat ghall-applikazzjoni ta’ l-Att.

Illi in oltre l-inammissibilitajiet imsemmija fil-paragrafi precedenti, sew fil-promozzjonijiet b’effett mill-11 ta’ Mejju 1988 u l-promozzjonijiet b’effett mill-20 ta’ Jannar 1992, ir-rikorrent kien anqas ikkwalifikat minn dawk li kienu junior tieghu u li gew promossi. Fuq kollox jirrizulta li r-rikorrent sa minn qabel il-1988 kien qed ibati minn kundizzjoni medika li ma tippermittilux jaghmel ix-xoghol kollu mitlub minnu fis-Servizz.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkommandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta’ Malta ta’ dak iz-zmien u, stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta’ anzjanita u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta’ efficjenza kif ukoll abbazi ta’ ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe`, l-Avviz Legali Nru 91 tal-1970, ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu, ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni, preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta’ l-Att VIII ta’ l-1997.

Ghaldaqstant, ghar-raguni fuq premessi, fl-ewwel lok, dan it-Tribunal ghandu jiddiklina li jezercita il-gurisdizzjoni tieghu, u subbordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra.

**PROVI:**
Fit-13 ta' Jannar 2000 Lt Col Mario Schembri ddikjara li ma tezistix it-trade ta' instructor fl-Armata.

Fl-istess data t-Tribunal kien iddikjara ruhu inkompetenti *ratione temporis* biex jiehu konjizzjoni ta' l-ilment tar-rikorrent dwar il-promozzjonijiet tal-1981.

Ukoll fl-istess data t-Tribunal kien qal "dwar dawk tal-1989 u precizament dawk li hargu fl-1989 b'effett mill-11 ta' Mejju 1988 u ovvju li l-kaz gie investigat mill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji kif imsemmi fl-Artikolu 6(2) ta' l-Att VIII tal-1997 u dan peress li jirrizulta car mill-ittra tar-rikorrent tad-19 ta' Jannar 1989, mid-depozizzjoni ta' l-istess rikorrent quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji fl-20 ta' Awissu 1992, deposizzjoni tal-Kurunell illum Brigadier Rupert Montanaro u Brigadier Spiteri, u d-decizjoni tal-15 ta' Ottubru 1992 tal-Kummissjoni li permezz taghha kitbet lir-rikorrent u nfurmatu li l-ilment imressaq minnu dwar promozzjoni fl-Armata skond Army Order 1/89 b'effett minn Mejju 1988 sabet l-ilment mhux gustifikat".

Fl-istess data t-Tribunal kien ordna li ghalhekk il-provi jigu limitati biss ghan-nuqqas ta' promozzjoni tar-rikorrent fl-1992.

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn qal li gie ngaggat fl-Armata fl-1950 u ghamel hames snin il-Germanja u wara kien fuq il-kanuni u wara ghamel tmien snin fuq il-patrol boats u wara rega mar jahdem fuq il-kanuni. Qal li kellu grad ta' B3 driver u B2 deckhand u l-grad ta' instructor. Qal li dejjem kellu rakkomandazzjoni tajba mill-Ufficjali Superjuri tieghu. Qal li fil-promozzjonijiet tal-1992 minn bumbardiera ghal surgenti, id-disgha u erbghin li lahqu surgenti, kollha kienu junior tieghu u qal li anki ma kellhomx kwalifiki bhalu. Qal li bhala Army Certificate of Education kellu ftit anqas minn third class u l-B2 deckhand gabha qabel l-1982.

Xehed Lt. Col. Mario Schembri rapprezentant tal-Kmandant tal-Forzi Armati li esebixxa lista ta'

promozzjonijiet a fol 18 fejn jidhru dawk promossi fl-1992 mill-grad ta' Bumbardier ghal Surgent. Qal li mill-iskeda, il-grad tal-Education tar-rikorrent kien li kellu trades Deckhand B3 l-inqas grad u Driver B3, l-anqas grad ukoll u li grade of Education ta' l-individwu kien nil. Qal li dawk li gew promossi fit-tieni regiment u kienu juniors tar-rikorrent kellhom grade of education 1 jew 2 u kollha kellhom ammont jew grad iktar bhala trades. Semma li mill-iskeda ma jkunux jidhru l-kriterji uzati izda s-seniority u kwalifiki johorgu mill-iskeda esebita. Qal li mill-iskeda jidher li sitta minn nies qabzu lir-rikorrent fis-sens li kienu juniors tieghu fosthom Montfort, Fabri, Micallef, Mizzi, St. John u Cassar. Semma li Montfort u Cassar kellhom Class of Education 2 u r-rikorrent ma kellux Class of Education. Spjega li Fabri, Micallef u Cassar kellhom iktar trades mir-rikorrent kemm fil-kwalita` kif ukoll fl-ammont. Qal li St. John kellu trades anqas mir-rikorrent izda Class 1 Education. Fl-ahharnett qal li veru l-promozzjonijiet johorgu fl-Armata kollha pero` t-tigrija tkun fir-regiment.

Xehed <u>Lt. Col. Marcel Cassar</u> fejn qal li meta kien fl-Armata kien in charge mill-Air Defence Battery u r-rikorrent kien wiehed mill-persuni li kellu tahtu u dan mill-1983 sal-1988. Semma li r-rikorrent kien jaghmel maintenance fuq il-kanuni u iktar tard kien anki jiehu sehem fit-trainning tal-kadetti li kien isir f'din is-sezzjoni. Qal li dan kien xoghol li kellu jsir minn nies li kienu oghla mill-grad tieghu. Zied ighid li minbarra dan ir-rikorrent kien Section Commander u kien johrog bil-patrol bil-lejl u f'xi zmien bejn l-1985 u l-1986 kien ha sehem ukoll meta nbdiet skola tal-Artillerija izda ghar-rigward tal-promozzjonijiet tal-1992 ir-rikorrent ma kienx jaqa' tahtu f'dak iz-zmien.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ghandu l-obbligu li jezamina l-ilment tar-rikorrent riferibbilment biss ghal promozzjonijiet ta' l-1992. Issa jirrizulta li kuntrarjament ghal dak li xehed ir-rikorrent fl-20 ta' Jannar 1992 kienu sitta biss li qabzu lir-rikorrent fil-promozzjoni fit-tieni rigment. Il-paraguni ghal promozzjonijiet fl-Armata dejjem isiru rigment, rigment. Irrizulta li minn sitta li qabzu lir-rikorrent erba'

kellhom Class 1 Education u tnejn Class 2 Education waqt li r-rikorrent l-anqas kellu l-Class 3 ghax infatti din kienet Nil. Irrizulta wkoll li bhala trades hamsa kellhom aktar mir-rikorrent waqt li dak li ma kellux trades daqs ir-rikorrent u cioe` Michael St John, kellu Class of Education 1. Illi ghalhekk it-Tribunal ma jistax isib li saret xi ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent meta dan ma nghatax il-promozzjoni ghal Surgent fl-1992. Hemm biss il-fattur li skond ix-xhieda ta' Lt Col Marcel Cassar ir-rikorrent gieli ghamel xoghol superjuri ghall-grad tieghu f'xi okkazzjonijiet u dan il-fattur ser jittiehed in konsiderazzjoni fil-kap ta' l-ispejjez.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------